MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru. 1031/2008

**PULIZIJA**
**Spettur Jessica Grima**
**vs**
**William Plant**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat William Plant bin il-mejjet Edwin u l-mejta Mary nee' Borg, imwieled tal-Pieta' fis-06 ta' April 1960 u residenti 65, Victory Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 284460(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-Hadd 12 ta' Ottubru, 2008 ghall-habta ta' bejn it-8.00pm., u l-10.00pm., waqt li kien f'Bugibba/Qawra, kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Rodianne Bongalais li ghad ghandha 15-il sena minn Hal-Qormi.

Fl-istess data, hin u lok, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Rodianne Bongalais kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex hi tigi imgieghlha taghmel xi haga jew toqod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha.

Fl-istess data, hin u lok, b’ghemil zieni, kkorrompa lill-istess Rodianne Bongalais liema persuna ghad ghandha 15-il sena u talli b’ghemilu ppartecipa f’attivita sesswali mal-imsemmija Rodianne Bongalais li ghad ghandha 15-il sena.

Talli fl-istess data, hinijiet u lok, offenda l-pudur u l-morali b’ghemil zieni li sar f’post pubbliku.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Ottubru 2008 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-1 ta’ Marzu 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Rat il-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Mary Rose Farrugia u nserit a fol. 53 et sequitur tal-atti processwali fejn gie rakkomandat li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija sospiza b'Ordni ta' Supervizjoni liema Ordni ghandu jinkludi kundizzjoni li l-imputat ikompli isegwi programm kontra l-abbuz mill-alcohol fi hdan l-Agenzija Sedqa.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tal-Pre-Sentencing Report u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer kif ukoll il-fatt li mix-xhieda ta' Melchior Ellul[1] li huwa Social Worker fi hdan l-Agenzija Sedqa fejn dan spjega li l-imputat jattendi b'mod regolari il-programm sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mill-alcohol b'mod regolari u ghamel progress sostanzjali u posittiv. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha tabraccja r-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja sospiza b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 203, 86, 87, 207, 209 u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta' Ordni ta Supervizjoni fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn(2) millum taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Mary Rose Farrugia u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet fejn l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega ghall-problema li ghandu.

[1] Xhieda relattiva inserita a fol. 70 sa 72 tal-atti processwali.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta’ Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghal Probation Services.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**(bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA’ SUPERVIZJONI**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 28G TAL-KODICI KRIMINALI)*

**Magistrat: Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

**Illum: 16 ta’ Novembru, 2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Grima)**

**Vs**

**William Plant**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **William Plant** gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-0rdni ta' Supervizjoni;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess wera li jrid ihares il-htigiet ta' l-istess Ordni;

**Tordna** li l-hati **William Plant** li joqghod 65, Victory Street, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru **284460M** ikun ghal perjodu ta' **sentejn (2)** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Supervizjoni **Mary Rose Farrugia** taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-hati jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi <u>kollha</u> tal-ufficjal sorveljenti inkluzi direttivi dwar il-hbieb li jzomm u l-postijiet li jiffrekwenta kif ukoll, jekk ikun il-kaz, biex il-hati jiehu l-*counselling* li jista' jkun mehtieg dwar ir-reati li dwarhom instab hati u l-vittmi taghhom u lejn il-kriminalita' in generali.

2. Li l-hati jibqa' f'kuntatt ma l-ufficjal sorveljenti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficjal, u li javza lill-imsemmi ufficjal b'kull tibdil fl-indirizz tieghu;

3. Li jircievi viziti mill-ufficjal sorveljanti gewwa r-residenza tieghu u fuq il-post tax-xoghol tieghu skond id-direttivi ta' l-istess ufficjal sorveljanti;

4. L-ufficjal sorveljanti ghandhu/a tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imgieba tal-hati.

5. Il-hati ghandu jkompli jattendi il-porgramm kotnra l-abbuz mill-alchohol fi hdan l-Agenzijai Sedqa.

**TORDNA** li kopja ta’ dan l-Ordni jinghata lil hati u lill-ufficjal sorveljenti.

……………………………………
William Plant

……………………………………..

D../Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------